MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 396/2011

**Appell Nru. 396/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Fabian Fleri)**
**Vs**
**Joseph Galea**

**Illum 29 ta’ Mejju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta’ Settembru, 2011 u fil-granet ta’ qabel din id-data, gewwa l-Kalkara, l-Birgu u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer bhala l-persuna li zammet jew qablet li zzomm xi annimal u cioe` kelb, gieghel lill-istess issofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-artikoli 8 (2) u *93) tal-Kap. 439 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali u aktar talli :

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghandu annimali u cioe` kelb u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu u dan bi ksur ta' l-artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kap. 439 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali u aktar talli :
Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu klieb minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Ottubru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 8(2), 8(3) tal-Kap. 439 u l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000), kif ukoll ikkundannatu terminu ta' disa` (9) xhur prigunerija.
Ordnat is-sekwestru tal-klieb proprjeta` tal-appellant favur id-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla u thassar is-sentenza appellata datata 3 ta' Ottubru, 2011 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu jew fi kwalunkwe kaz, tirriforma s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant mit-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu stante nuqqas ta' formalita` rikjesta mil-ligi, jew/u fi kwalunkwe kaz tirrevedi l-piena moghtija fis-sentenza appellata ghal wahda aktar xierqa u li tirrifletti verament aktar ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u dak stipolat fl-Artikolu 45(1)(a) tal-Kap. 439.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

Illi s-sentenza msemmija hija nulla stante nuqqas ta' ottemperanza mal-artikoli 392(A) u 453(1) tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, li jirrigwarda l-procedura illi ghandha tigi adottata mill-Qorti fil-kaz ta’ ammissjoni.

Illi meta tigi rregistrata ammissjoni bikrija kif sar f’dan il-kaz, il-Qorti ghandha timxi rigoruzament mal-artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan kif ben spjegat minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fis-sentenza “Il-Pulizija vs Gaby Grech u Dino Bonnici” datata 10 ta’ Jannar, 2003 fejn inghad illi :

*“il-Qorti tal-Magistrati ghandha timxi skrupolozament ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 392, u specjalment is-subartikolu (2) tieghu; u fil-kaz li waqt l-ezami skond l-Artikolu_392 imsemmi tigi resgistrata ammissjoni il-Qorti tal-Magistrati ghandha wkoll skrupolozament timxi skond l-Artikolu 392A. Dana l-Artikolu japplika mhux biss ghall-kazijiet fejn ir-reat ipotizzat ikollu piena ta’ aktar minn erba’ snin prigunerija (imma mhux aktar minn ghaxar snin) izda japplika wkoll ghall-kazijiet fejn il-piena tkun ta’ aktar minn sitt xhur imma mhux aktar minn erba’ snin u l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens bil-miktub ghall-procedura sommarja ab initio skond l-Artikolu 370(4)(a). Li dana l-Artikolu 392A japplika wkoll fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 370(4) jidher car mill-lokuzzjoni adoperata fis-subartikolu (6) tal-imsemmi Artikolu 370: “Il-qorti hija wkoll kompetenti li taghti s-sentenza lill-akkuzat fic-cirkostanzi u kif provdut fl-artikolu 392A” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Issa, skond l-Artikolu 392A(1) il-Qorti tal-Magistrati ghandha tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 453(1). Skond l-Artikolu 453(1) jekk l-imputat jistqarr, bhala twegiba ghall-mistoqsija jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuza, li hu hati skond l-imputazzjoni, il-qorti ghandha twissih b’mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba, u taghtih ftit ta’ zmien biex_jerga’ lura minnha. Huwa biss jekk l-imputat jibqa’ jtenni dik it-twegiba li l-qorti ghandha tordna li l-ammissjoni tigi registrata, u wara tghaddi biex taghti s-sentenza skond il-ligi. L-osservanza ta’ dan ir-rit, li l-legislatur iqis li hu importanti biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta’ l-akkuzati, ghandu jirrizulta mill-atti u senjatament mill-verbal ta’ l-udjenza li fiha jkun sar l-*

*ezami ta' l-imputat (ara, f'dan is-sens ukoll, **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa** App. Krim. 17/7/2002).*

Illi, dak mtenni fis-sentenza assolutament ma jirrispekjax dak kontenut fil-verbal tal-procedura, fis-sens illi l-appellant fl-ebda stadju qabel ma rregistra l-ammissjoni tieghu ma gie mwissi rigward il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u lanqas ma jirrizulta li l-esponent inghata ftit ta' zmien biex jerga lura mill-ammissjoni tieghu kif jistipola l-artikolu msemmi, liema fatt jista` jigi kkonfermat bil-gurament mill-Avukat sottoskritt, u dan b'kuntrast kbir ma dak li nqtal fis-sentenza, u cioe` illi l-appellant gie mwissi rigward l-ammissjoni tieghu. Dan fl-ebda stadju ma gie mwissi kif hemm miktub fis-sentenza, u ghalhekk jigi umilment sottomess illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla u mighajr effett.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, is-sentenza msemmija hija nulla stante illi fiha difett formali, fis-sens illi ma tindikax l-artikolu illi jikkontempla l-piena u lanqas ir-reat. Ghalkemm l-artikolu 382 tal-Kap. 9 jirrikjedi illi sentenza jkollha, inter alia, l-artikolu illi jikkontempla r-reat, dan l-artikolu ghandu jigi nterpretat fil-kuntest ta' dan il-kaz partikoli u mhux in vacuo. Fil-Kodici Kriminali l-artikolu li jikkreja r-reat, jikrejah b'mod unekwivoku u minghajr ebda dubbji. Minn naha l-ohra, l-artikolu li jikkreja r-reat u l-piena f'dan il-kaz huwa l-artikolu 45, liema artikolu ma ssemmiex fis-sentenza. Ghalhekk, l-appellant umilment jissottometti illi s-sentenza kellha wkoll tindika l-artikolu li jikkreja r-reat u jinfliggi l-piena ghal fini tac-certezza legali li hija indispensabbli fil-process penali, u fin-nuqqas ta' dan ghandha tigi dikjarata nulla u minghajr effett. Dan ifisser ukoll illi jekk tinstab htija penali fuq l-artikolu 8 tal-Kap. 439, is-sentenza tkun leziva tad-drittijiet fundamentali tal-appellant.

Illi inoltre, u dejjem minghajr pregudizzju, it-tielet akkuza u cioe` dik ta' pussess ta' klieb minghajr il-licenzja tal-Pulizija ma tirrizulta mill-ebda artikolu indikat mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk din il-parti tas-sentenza hija wkoll nulla u bla effett stante difett formali ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appellant ihoss illi bir-rispett kollu, illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni erroneja tal-artikolu 45(1) tal-Kap. 439 li fuqu sabet lill-istess esponenti hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi l-istess artikolu jghid hekk :
*(1) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti maghmulin tahtu, meta tinsab hatja :*
*(a) fuq l-ewwel kundanna, tehel multa ta' mhux inqas minn hames mitt Euro (€500) izda mhux aktar minn tletin elf Euro (€30,000)* [enfazi tal-appellant];
*(b) mat-tieni kundanna jew kundanna sussegwenti, tehel multa ta' mhux inqas minn erbat elef Euro (€4,000) izda mhux aktar minn hamsin elf Euro (€50,000)*
*jew prigunerija ghal perjodu ta' mhux izjed minn sena, jew dik il-multa u l-prigunerija flimkien.*

Illi l-appellant umilment jissottometti illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-ewwel parti tal-artikolu fuq msemmi ghandha tkun li f'kaz ta' l-ewwel kundanna, bhal ma hu l-kaz tal-appellant, il-Qorti ghandha diskrezzjoni biss biex taghti multa, u dan ai termini tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali diversament preseduta fis-sentenza moghtija nhar il-21 ta' Gunju, 2011 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Vella. L-istess tezi gie ukoll sostenuta mill-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis" deciza fil-5 t'Ottubru, 2011, skont liema

*Dwar il-piena applikabbli l-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 45(1)(a) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm provdut li l-piena applikabbli ghal dan il-kaz huwa multa ta' mhux inqas minn 500 Ewro (€500) u mhux aktar minn tletin elf Ewro (€30,000), stante li din hija l-ewwel kundanna tieghu ghal reat naxxenti minn dan l-Att.*

Illi dan ifisser ghalhekk illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex id-diskrezzjoni illi tikkundanna lill-appellant ghal piena karcerarja, stante illi din hija l-ewwel kundanna

tieghu ghal reat naxxenti mill-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi inoltre u dejjem minghajr pregudizzju, jigi unilment sottomess illi l-piena nflitta fuq l-appellant kienet harxa wisq, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll tal-ammissjoni bikrija tal-appellant, u l-kollaborazzjoni tieghu. Ta' min isemmi hawnhekk ir-rapport prezentant mir-rapprezentanti tad-Dipartiment ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, skont liema iz-zewgt iklieb l-ohra illi jzomm l-esponenti huma fi stat fiziku tajjeb, li ghalhekk juri bic-car illi l-appellant mhuwiex xi persuna illi intenzjonalment tahqar lill-annimali jew izzommhom fi stat hazin, izda li sempliciment huwa persuna li ghamel zball ghaliex, minhabba s-sitwazzjoni tieghu u anke l-livell baxx f'intellett tieghu, ma kienx kapaci jaghraf illi kien hemm servizzi illi seta` juzufruwixxi ruhu minnhom b'xejn.

Illi f'dan ir-rispett issir referenza ghal dak mistqarr mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ghar-rigward ta' dak li ghandu jwassal gudikant ghal gudizzju tieghu dwar il-piena fejn inghad illi :
*Il-buon sens pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, l-kooperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista` terga` tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra.*

Illi l-appellant umilment jissottoketti li dawn il-kriterji fuq imsemmija ma ttiehdux in konsiderazzjoni u ma nghatawx il-piz li kienu jisthoqqilhom fil-konfront tal-appellant u ghalhekk ma nstabx il-bilanc ekwu necessarju sabiex issir

gustizzja ghal dak li sehh, bir-rizultat li l-esponent inghata piena aktar harxa minn dik li kelu effettivament jiehu.

Illi ghalkemm l-istess Qorti tenniet li hemm il-bzonn li jinstemghu z-zewg nahat, fil-verita` ftit ikkunsidrat dak li wassal ghall-azzjoni ta' l-appellant u filfatt tenniet, *"li fil-verita`, izda ma tantx hemm x'tifhem.* Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti ma haditx in kunsiderazzjoni li l-appellant fic-cirkostanzi tieghu genwinament ma gharafx li kellu xi triq ohra u kif ukoll, u forsi anke ta' aktar importanza, illi verament iddispjacih talli ghamel.

Illi l-Ewwel Qorti ma tatx piz adekwat lill-kriterju li jezamina l-impatt tas-*sospensjoni..... fuq il-persuna misjuba hatja.* F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Omissis (isem eskluz mill-atti tal-kawza_ deciza fil-5 t'Ottubru 2011, rigward il-posizzjoni li ghandha tiehu l-Qorti fir-rigward tal-imputat li jkollha quddiemha fejn intqal :
*"Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu problemi, tal-volta anke serji hafna ....."*

Illi l-istess Qorti kompliet hekk :
*"Il-Qorti thoss li jekk timponi l-hlas ta' multa fuq l-imputat m'hu ser jitghallem xejn minn din l-esperjenza tant qarsa w li ser ikunu l-genituri tieghu li ser isofru l-aktar pregudizzju".*

Illi l-appellant ihoss bl-akbar qawwa li c-cirkostanzi partikolari tieghu, u cioe`, li huwa ghandu impjieg mal-Gvern, li b'rizultat ta' din is-sentenza qed jipperikola li jitlef, kif ukoll l-effett li l-istess piena karcerarja, ser ikollha fuq l-esponenti nnifsu, kif ukoll, fuq is-sitt it-tfal li kollha jiddependu fuqu ghall-ghajxien taghhom ma ttiehditx in kunsiderazzjoni affattu.

Illi in oltre l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha qalet li l-piena kellha tkun wahda qrib il-massimu u ma kinitx ser tkun il-massimu in vista tal-ammissjoni bikrija tal-appellant. Illi l-piena massima f'dan il-kaz, skond il-ligi,

kellha tkun multa f'kaz tal-ewwel kundanna u anke f'dak l-argument dato non concesso, l-Qorti tal-Magistrati kellha taghti aktar piz lill-kollaborazzjoni piena li l-appellant ghamel mal-Pulizija u l-ammissjoni bikrija tieghu u dan anke skont sentenza tal-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta, skont liema :
*Li ammissjoni tkun wahda inkundizzjonata mhux bizzejjed biex ikun hemm xi mitigazzjoni fil-piena. Li hu, invece, hafna importanti hu li dik l-ammissjoni tkun wahda bikrija u fl-ewwel opportunita` li jkollu l-akkuzat, dan biex jigi salvat hafna hin tal-Qorti kif ukoll spejjes.*

Li kieku ma kienx hekk, allura x'vantagg ser ikollu imputat li jaghmel ammissjoni bikrija? Bis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti, bid-dovut rispett lejha, cahdet lill-appellant mill-beneficcju li seta` jiehu bl-ammissjoni bikrija tieghu, meta l-Qrati taghna dejjem enfasizzaw li b'ammissjoni bikrija l-imputat jibbenifika b'riduzzjoni fil-piena moghtija lilu. Hekk dejjem sar, kemm mill-Qrati tal-Magistrati kif ukoll mill-Qrati Kriminali.

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs Maurice Agius ikkwotata mill-Qorti tal-Magistrati tkompli
*Il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenza ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargaent : "The Courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the Court is to lead public opinion".*

Illi ghalhekk il-Qorti filwaqt li ghandha tiehu konjizzjoni tal-opinjoni pubblika zgur m'ghandhiex tithalla li tigi ggwidata minnha, anzi ghandha tkun l-ixprun sabiex l-istess opinjoni pubbliku tigi ffurmata skond il-kriterji bazici ta' gustizzja.

Illi ta' min wiehed jinnota li dan l-avveniment nghata hafna prominenza fix-xandir lokali u holoq hafna diskuzzjoni fost il-pubbliku in generali, liema diskuzzjoni ma jistax ikun li,

xi ftit jew wisq, ma jkolliex xi effett fuq is-sentenza ahharija li fil-fatt nghatat dak il-hin quddiem il-mezzi tax-xandir.

Illi fil-fehma tal-appellant, l-Ewwel Qorti rat ragunijiet kemmxejn kontradittorji meta fuq in-naha l-wahda sostniet “illi ghalhekk, il-Qorti trid tkun ben konxja tal-opinjoni pubblika fuq il-materja ta’ mohqrija fuq annimali, izda ma trid tithalla li titmexxa minn tali opinjoni pubblika u fuq in-naha l-ohra s-sentenza ghandha tirrispekkja l-kattiverja mwettqa fuq dik il-kelba, u ghadha sservi biex tibghat messagg car u univoku lis-socjeta` fejn jidhol l-obbligu tal-harsien xieraq tal-annimali.

Illi l-appellant ihoss li fil-kaz tieghu, minflok twettqet gustizzja huwa ntuza sabiex il-mezzi tax-xandir ikolhom opportunita` jesprimu opinjonijiet li whud minnhom kienu mmirati lejn inkonsistenza lampanti kif jinghataw is-sentenza u dan kif ser jigi spjegat fit-trattazzjoni. Is-severita` tal-piena ma rendietx gustizzja mal-appellant izda huwa gie uzat b’mod zbaljat u umiljat mill-Ewwel Qorti, meta l-gustizzja filwaqt li ghandha tipprotegi s-socjeta` ghandhiex iccahhad id-dinjita` tal-lindividwu, u din is-sentenza appellata zgur ser ikollha effetti detrimentali sproporzjonat kemm fuq l-appellant fl-ambitu personali tieghu, kif ukoll, bla dubju ta’ xejn fuq l-istess familja tieghu.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kellu taht il-kustodja tieghu kelba tar-razza Boxer u ghall-habta ta’ Settembru 2011 din il-kelba mmanifestat xi mard allegatament “Sand Fly”. Fid-29 ta’ Settembru, 2011 l-appellant iddecieda illi din il-kelba kienet fi stat hazin hafna u ghalhekk dahhala f’rasu li jiddisponi minnha minghar ma jehodha ghand il-veterinarju jew inkella jaghmel uzu minn servizzi provduti mill-Gvern. L-appellant ghalhekk pogga l-kelba fuq karretta u hadha l-Kalkara l-Hamis filghaxija tad-29 ta’ Settembru, 2011. Hemm hekk poggiha go borza sewda u ramiha go skip ta’ l-iskart taht munzell ta’ skart iehor. Madwar tnax (12) –il siegha wara, l-Gimgha 30 ta’ Settembru, 2011, din il-kelba nstabet illi ghadha hajja go

dan l-iskip fi stat hazin hafna. Minkejja l-isforzi veterninarji kollha illi gew applikati mmedjetament, din il-kelba mietet ftit wara li nstabet.

Skont l-istess rikors ta' l-appell, l-appellant agixxa b'dan il-mod "stante l-livell jew ahjar in-nuqqas ta' livell ta' l-intelligenza tieghu" fejn ma rax triq ohra kif jiddisponi mill-kelba. Wara nvestigazzjonijiet mill-Pulizija, l-appellant tressaq il-Qorti u fl-ewwel seduta ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u l-Qorti ghaddiet biex taghti s-Sentenza taghha u kkundannatu ghall- perjodu ta' disa' (9) xhur prigunerija kif ukoll multa ta' €20,000. Filwaqt illi l-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta l-fatti li rrizultaw qieghed pero' jecepixxi diversi agravji procedurali ghal mod kif imxiet l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat.

L-ewwel agravu ta' l-appellant jikkoncerna l-verbal ta' l-ewwel u l-uniku seduta tat-3 ta' Ottubru, 2011, ( fol 3) minn fejn irrizulta illi l-appellant ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu, saret it-trattazzjoni dwar il-piena mill-prosekuzzjoni u mid-difiza u l-kawza giet deciza. Fil-kopja tas-Sentenza ufficjali hemm imnizzel illi wara li l-appellant irregistra l-ammissjoni, l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-Ligi biex jikkonsidra sew din l-ammissjoni u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod sollenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni. Dana sar sabiex tigi riflessa d-dispost ta' l-Artiklu 453(1) tal-Kodici Kriminali. Hawn hekk l-appellant qieghed jargumenta illi dak illi hemm fis-Sentenza ma jirrispettax il-verita u fil-fatt il-Qorti ma osservatx l-Artiklu fuq imsemmi u ma tatx lill-appellant zmien sabiex jerga jikkonsidra l-ammissjoni tieghu. La hemm din id-diskrepanza quindi s-Sentenza hija nulla. In sosten ta' l-argument tieghu l-appellant ikkwota s-Sentenza "Il-Pulizija vs Gabbie Grech u Dino Bonnici" deciza fl-10 ta' Jannar, 2003 fejn fost affarijiet ohra qalet "*L-osservazzjoni ta' dan ir-rit, li l-Legizlatur iqis li hu mportanti biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta' l-akkuzati, ghandu jirrizulta mill-Atti u senjament mill-verbal ta' l-udjenza li fiha jkun sar l-ezami ta' l-imputat.*" Kif ga inghad, fil-verbal ma jirrizultax illi dan id-dritt gie moghti lill-

appellant ghad illi jirrizulta mis-Sentenza. Hawn hekk il-Qorti taghmel referenza ghall- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Martin J. Camilleri deciza fl-20 ta' Jannar, 1995 fejn inghad "*Il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens li dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball.*" Din il-Qorti tkompli zzid ma dan id-dispost bil-kliem " jew thalla barra xi haga bi zball."

Is-Sentenza ufficjali tal-Qorti taghmel referenza ghall-osservazzjoni skrupoluza ta' l-Artiklu 453(1) tal-Kap 9 u hija din il-kopja illi taghmel stat fil-konfront ta' kull akkuzat u terzi illi jkunu nvoluti. Ghalhekk hu evidenti li r-Registratur halla barra d-dispost ta' l-artiklu 453(1) tal-Kap 9 bi zball u dan m'ghandux iwassal ghall-estremi tan-nullita tas-Sentenza. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat.

It-tieni agravu ta' l-appellant jikkoncerna wkoll difett formali tas-Sentenza fis-sens illi ma ndikatx l-Artiklu illi jikkontempla l-piena u lanqas ir-reat, dana 'l ghaliex ma kkwotatx l-Artiklu 45 tal-Kap 439 li jitratta dwar ir-reat u l-piena. Dan in-nuqqas imur kontra l-Artiklu 382 tal-Kap 9 li jirrikjedi illi s-Sentenza jkollha fost affarijiet ohra l-artiklu illi jikkontempla r-reat. Skont l-appellant is-Sentenza kellha wkoll tindika l-Artiklu li kkrea r-reat u jinfliggi l-piena ghal fini tac-certezza legali li hija ndispensabbli fil-process penali.

Ikkunsidrat.

L-Artiklu 45 (1) tal-Kap 439 jippreskrivi l-pieni illi ghandhom jigu applikati fil-kaz ta' htija, pero' l-akkuzi illi gie addebitat bihom l-appallent jaqghu taht ic-censura ta' l-Artiklu 8 (2) u l-Artiklu 8 (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jidher car mill-istess akkuza illi taghha l-appellant inghata kopja illi kien jaf ezatt taht liema Ligi u f'liema kuntest kien qieghed jigi akkuzat sabiex jipprepara d-difiza tieghu. L-appellant hekk ghamel u fis-sentenza

taghha l-ewwel Qorti ma naqsitx milli ssemmi dawn l-Artikoli illi tahthom l-appellant kien qed jinstab hati u ghaddiet biex tinfliggi l-piena li kienet fil-parametri tal-Ligi u cioe' l-Artiklu 45 (1) tal-Kap 439. L-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali jghid biss illi l-Qorti ghandha ssemmi l-Artiklu illi jikkontempla r-reat u mhux ukoll dak li tikkontempla l-piena, jew il-paragrafi jew sub Artikli ohra. Fil-fatt fil-kawza 'Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia' deciza fit-13 ta' Jannar, 1995 il-Qorti qalet "*L-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li s-Sentenza ghandha jkun fiha l-Artiklu tal-Ligi li jikkontempla r-reat u din l-espressjoni giet dejjem interpretata fis-sens illi jekk Artiklu jew Regolament ikun fih diversi sub Artikoli jew paragrafi hu bizzejjed li jigi ndikat l-Artiklu jew r-Regolament minghajr il-htiega ta' ndikazzjoni tas-sub Artiklu jew tal-paragrafu.*" Il-Qorti jidhrilha illi l-Qorti tal-Magistrati osservat skrupolozament id-dispost ta' l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali meta kkwotat l-Artikoli illi jikontempla r-reat. Ghalhekk ma hemm xejn null f'din is-Sentenza u l-Qorti tghaddi biex tichad din it-tieni eccezzjoni ta' l-appellant.
It-tielet agravu jikkoncerna t-tielet akkuza dik ta' pussess minghar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant ammetta din l-akkuza, pero' fis-Sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati naqset illi tikkwota l-Artikoli illi jikkontempla dan ir-reat. Hawn hekk l-appellant ghandu ragun u din il-parti tas-Sentenza hija nulla u bla effett peress illi ma segwietx id-dispost ta' l-Artiklu 382 tal-Kap 9. L-appellant quindi ghandu jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fil-bidu tal-proceduri qabel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno.

Agravju iehor jikkoncerna l-intereppritazzjoni erronja ta' l-Artiklu 45 (1) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant dehrlu illi ma bbenefika xejn minn ammissjoni bikrija u lanqas ma saret differenza bejn first time offender u haddiehor li kien diga kkommetta reati simili. In oltre l-Qorti skartat ir-rapport tad-Dipartiment ta' l-Animal Welfare u fl-ahhar li l-Qorti giet influwenzata mill-midja u r-reazzjoni ta' din ghall-konsegwenza ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat.

Irrizulta li mhuwiex minnu illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx l-ammissjoni bikrija ta' l-appellant. Tant hu hekk li meta ddikjarat illi fil-fehma taghha fic-cirkostanzi l-multa kellha massimu ta' €30,000 u prigunerija massima ta' sena, l-Qorti pero' rragunat li minhabba r-registrazzjoni ta' ammissjoni bikrija ma kienetx sejra tapplika l-massimu illi tippermetti l-Ligi u fil-fatt hekk ghamlet. L-appellant donnu qieghed jinsa illi dina ma kienetx l-ewwel darba illi huwa nstab hati ta' mohqrija lejn l-annimali u skont il-fedina penali tieghu diga nstab hati darba ohra. Irrizulta illi fit-23 ta' Marzu, 1988 instab hati illi fit-23 ta' Settembru, 1987 uza mohqrija kontra annimal billi qatel kelb bid-daqqiet ta' sieq! Bir-ragun allura l-Qorti ghamlet referenza u kkwotat it-termini skont id-dispost ta' l-Artilu 45 (1) (b) illi jghid, "*Mat-tieni kundanna jew kundanna sussegwenti, tehel multa ta' mhux anqas minn €4,000 izda mhux aktar minn €50,000 jew prigunerija ghal perjodu ta' mhux izjed minn sena, jew dik il-multa jew il-prigunerija flimkien*." Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-Qorti tal-Magistrati kienet fil-parametri tal-Ligi meta mponiet piena ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur u multa ta' €20,000.

Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkonsidra kemm kienet gustifikata din il-piena fic-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz u l-mohqrija illi l-kelba sofriet f'idejn l-appellant.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti tibda biex tikkwota l-bran tal- Lord Justice Lawton fil-kawza R vs Sergent kif rapurtata mill-ewwel Qorti u cioe' "*Society, through the Courts, must show it's abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the Courts can show this by the Sentences they pass. The Courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the Court is to lead public opinion.*" U dana huwa propju li din il-Qorti sejra taghmel fl-isfont tal-kontroversja lokali li issa ilha sejra wisq zmien dwar it-trattament ta' l-annimali f'pajjizna.

L-gharef politiku u kbir statista Mahatma Gandhi darba kien qal illi l-kburija ta' pajjiz huwa meqjuz mill-mod kif il-

pajjiz jitratta l-annimali tieghu. Sfortunatament f'dan il-kuntest il-poplu Malti ma tanx ghandu ghalxiex jiftahar fejn minn zmien ghal zmien qeghdin johrogu rapporti u cirkostanzi ta' mohqrija ta' annimali illi jiddisturbaw il-kuxjenza tal-maggoranza li ghandhom ghal qalbhom il-gid jew kif inhu maghruf bl-Ingliz "well being" ta' l-annimali. L-istorja aggjaccanti illi xxukkjat nazzjon tal-kelba "Star", dan il-kaz partikulari fejn kelba ohra intremiet hajja fi skip ta' l-iskart u thalliet hemmhekk ghal tnax (12) –il siegha shah f'tereturi mmaginabbli sakemm kumbinazzjoni nstabet minn persuna li kien ghaddej vicin dan l-iskip. Il-kaz ta' klieb u qtates imsamrin fuq kurcifiss imhallija mdendla ma xi kancell jew grada, Zwiemel tal-karozzini mhallijin ghal sighat twal weqfin taht il-qilla tax-xemx minghar protezzjoni biex jaghtu sodisfazzjon ta' ftit flus lil sidhom. Klieb imhollija marbuta minghar protezzjoni ghall-elementi, sajf u xitwa. Il-glied tal-klieb organizzat b'mod kalndestin illi minn zmien ghal zmien jitfacca ghal skrutinju mistmerr tal-pubbliku. U fl-ahhar u xejn inqas il-qtil ta' l-annimal ghal divertiment tal-bniedem.

Pajjizna m'ghandux xi track record sabih fejn jirrigwardja l-benessere ta' l-annimali u jibqghu jigu meqjusa f'kazijiet kongruwi, biss bhala mezz ta' gwadan finanzjarju u sabiex jigu sagrifikati ghal gost u pjacir ta' ftit attimi tas-sekondi minghar il-bzonn attwali ta' dak il-qtil. L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:

1. Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.
2. Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.
3. Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.
4. Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.
5. Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.

Il-konsegwenza ta’ dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista’ juza u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif joghgbu izda ghandu r-responsabilta li jassigura li dawn id-drittijiet jigu mharsa. Din ir-responsabilta giet mitfuha fuq spallejn il-bniedem mill-bidu nett tal-holqien meta fil-Bibja naqraw li l-Missier Etern inkariga lil bniedem biex jaghti isem ghal kull speci ta’ halieq minn tieghu biex b’hekk holoq dak ir-rapport bejn il-bniedem u l-annimal fejn dak ta’ l-ewwel bhala l-holqien suprem gie moghti responsabilta tal-benessere tal-hlejjaq kollha li mieghu jsebbhu din id-dinja u li minnha lkoll niddependu ghall-ghejxien u ezistenza taghna.

Il-hajja hi sabiha u sagrosanta ghal kullhadd mhux biss ghal bniedem. Veru, l-ewwel il-bniedem imma wara jigu l-annimali u din l-iskala ma ssarrafx f’dominazzjoni assoluta bid-dritt assolut fuq il-hajja ta’ l-annimal li jista’ jigi sagrifikat fuq l-artal tal-pjacir ghas-sodifazzjon emozzjonali tal-bniedem. Il-Qorti hawn hekk ma tridx li tigi mifthema hazin li tissuggerixxi li l-annimali m’ghandhom qatt jigu maqtula izda biss, li dan ghandu jsir ghal bzonn attwali, ghas sopravivenza u s-sahha tal-bniedem u ghalhekk hu gust u ekwu li dan isir taht sorveljanza stretta b’sistemi kontrollati li jassiguraw l-anqas ugieh u tbatija ghall-annimal. Dan l-ambjent insibuh fil-biccerija governattiva fejn l-annimali mrobbija ghal ta’ l-apposta jigu maqtula skont il-Ligi ghall-ikel u sahha tal-bniedem. Min jahdem f’dan l-ambjent jaghmel dan il-qtil ghax huwa xogholu u d-dover tieghu li jaghmel u zgur li ma jiehu l-ebda sodisfazzjon minn dana l-att. Mhux l-istess pero’ ghal min jiehu l-hajja fis-selvagg sew ta’ l-art, ajru u bahar meta m’ghandux bzonn jiehu dik il-hajja ghall-ghejxien u sahha tieghu. Il-bniedem, almenu hawn Malta ghall-grazzja t’Alla, hu ben sostenut b’dak provdut mill-biccerija u pixkerija u laham u hut ukoll impurtat ghall-konsum u m’ghandux ghalfejn jirrikorri ghas-selvagg biex isostni l-ghejxien u l-palat tieghu. Min jaghmel hekk jaghmlu biss ghal gost u pjacir u sodisfazzjon emozzjonali u “trill” fil-mument tal-qatla. Emozzjonijiet li l-bniedem messu halla warajh fl-gherien meta hareg mill-era’ trogloditika u mhux ghadna nkaxkru biha sa llum fis-seklu evolut u dawl

intellettwali tal-wiehed u ghoxrin! Il-qtil u s-sofferenzi bla sens hu moralment u etikament hazin jigi minn fejn jigi, fuq kull min jigi, sew bniedem u sew annimal u kullhadd u kollox ghandu jkun protett minn kull att insensat intiz biex jeqred il-hajja jew jikkawza sofferenzi kbar. Huwa inutli l-argument li l-bniedem ma jihux gost bil-mewt ta' l-annimal izda jiehu gost bil-preparamenti u l-azzjonijiet kollha li jwasslu ghas-success u cioe' l-mewt, il-konsegwenza hi l-istess. Anke l-aktar bniedem dixxiplinat u jimxi b'regoli stretti, xorta fl-ahhar mill-ahhar jesigi sodisfazzjon fil-mument tas-success tieghu. Xi hadd qatt staqsa lill-annimal kienx dispost jissagrifka hajtu ghal dan is-success? Il-Qorti ma tahsiebx u lanqas ma tiddubita mir-risposta li kieku saret u li setghet tinghata.

Huwa wkoll inutli l-argument tat-tradizzjoni u/jew delizzju li ilu pprattikat minn zmien immemurabbli u li issa sar parti mill-kultura lokali. Meta xi haga hi moralment hazina dina trid tieqaf illum qabel ghada u l-kontinwazzjoni taghha tibqa' fl-istat ta' mmoralita u ma tirriflettix sabih fuq min jippersisti f'dan l-istat. Ir-Rumani wkoll kellhom id-delizzju/tradizzjoni li jaraw bnedmin joqtlu lil xulxin ghad-divertiment liema delizzju kien ilu jigi pprattikat ghal mijiet ta' snin (l-ewwel glieda gladotorjali dokumentata tirrezali ghal 264BC). Izda fil-404AD meta Ruma kienet ilha li haddnet ufficjalment il-Kristjanezmu ghal minn lanqas 100 sena patri bl-isem ta' Telemachus qabez go l-arena biex jifred zewg gladjaturi, gie mhaggar mill-ispettaturi ghax irvinalhom id-divertiment! L-Imperatur Honorius irreagixxa mmedjetament u pprojbixxa minnufih il-glied gladitorjali ghad li dawna tkomplew illegalment u klandestinament barra Ruma u go Ruma tkomplew kontra l-annimali sakemm dawn ukoll gew iddikjerati llegali fis-sena 523AD. Illum fl-2013 ghadna qeghdin niddibattu ghandniex niehdu l-hajja ta' hlejjaq selvagg ghal gost u pjacir! Mhux hekk biss imma assumejna d-dritt Divin illi niddeciedu liema hlejjaq fis-selvagg ghandhom imutu u sagrifikati u liema ma ghandhomx!

Il-kuxjenza ta' dawn il-prattici mhijiex sodisfatta bl-iskuza li l-qatla twassal ghal borma. Kif ga nghad il-bniedem hawn Malta m'ghandux ghalfejn jirrikorri ghal qatla tas-selvagg

ghall-ikel tieghu u hawn qieghda l-immoralita tat-tradizzjoni u/jew delizzju ghax fejn qabel forsi kien hemm zmien meta dan kien necessarju, llum zgur li le u l-immoralita qeghdin nippersistu fiha. Forsi ta' min inzommu f'mohhna li "do not destroy the work of God for the sake of food. All things indeed are pure, but it is evil for the man who eats with offence" (Romans14:20).

Forsi xi darba nintebhu b'dak illi qed naghmlu u jkollna l-kuragg illi nwaqqfu darba ghal dejjem kull forma ta' "blood sport" u minn pajjiz bl-aghar reputazzjoni fil-qasam tal-mohqrija lejn l-annimali nkunu l-pajjiz illi nghollu t-torca f'dan id-dlamm ta' mmoralita u ndawlu l-bqija ta' l-Ewropa lejn it-triq li ghadha tiehu.

Sfortunatament l-appellant hu frott tas-sistema u tal-kultura illi jezalta lill-bniedem u l-bniedem biss bl-ebda hsieb jew bl-icken rimors ghall-hlejjaq ohra ta' madwarna u s-sofferenzi li nikkawzaw. Bl-agir tieghu l-appellant kiser kull wahda mid-drittijiet ta' l-annimali kweziti, mhux mill-bniedem izda min-natura taghhom stess u li l-bniedem m'ghandux dritt jinnega. Din il-Qorti taghlaq l-argument billi tirreferi ghal parti konkluzjonali tas-Sentenza ta' l-ewwel Qorti illi maghha taqbel perfettament u cioe' "*madankollu s-Sentenza ghandha tirrispekkja l-kattiverja mwettqa fuq dik il-kelba u ghandha sservi biex tibghat messagg car u univoku lis-socjeta fejn jidhol l-obbligu tal-harsien xieraq ta' l-annimali.*"

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regulatur li mhux normali illi tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella, 14 ta' Gunju, 1999 u ohrajn). Peress illi dina ma kienetx l-ewwel darba illi l-appellant gie misjub hati ta' mohqrija lejn l-annimali jidhlu invigore d-disposti ta' l-Artiklu 45 (1) (b) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta fejn allura huwa car illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti tasal fil-parametri tal-Ligi. Pero' din il-Qorti tifhem illi l-appellant hu ta' mezzi finanzjari limitati u

m’ghandux minn fejn ihallas l-€20000 multa imposta mill-ewwel Qorti u jekk jigu konvertiti zgur li jaqbez il-massimu ta’ sena li l-ligi tezigi ghal dan ir-reat. Ghalhekk il-Qorti serja tvarja s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fis-sens li l-multa mposta ghandha tkun fil-minimu u cioe` €4000. Mill bqija zzomm ferm il-piena karcerarja li hi bizzejjed sabiex tirrefletti s-serjeta ta’ dan il-kaz.

Ghal dak li jirrigwardja t-tielet akkuza peress illi l-ewwel Qorti ma ppronuncjatx ruhha fuq din l-imputazzjoni meta ma kkwotatx l-Artiklu tal-Ligi illi jirreferi ghal din il-htija u peress illi din l-akkuza hija wahda ta’ natura kontravenzjonali din il-Qorti sejra tisma din l-akkuza hi stess minghar il-htiega li tirrijmetti l-Atti lill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa in parti l-appell fis-sens illi tikkonferma s-Sentenza ta’ l-ewwel Qorti fejn sabet htija fqu l-ewwel u t-tieni mputazzjonijiet, terga tqieghed lill-appellant fl-istess pozizzjoni legali qabel is-smieh tal-kawza ghal dak li jirrigwardja t-tielet imputazzjoni u tirriforma l-piena fis-sens li tvarja l-multa ghal-€4,000 ghar-ragunijiet fuq imsemmija izda tikkonfermaha fl-ghoti tal-piena ta’ disa’ (9) xhur prigunerija.

Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza bi smieh mill-gdid tal-provi u trattazzjoni dwar it-tielet imputazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------